
MONS SION
IN JERUSAL

V. 7 0 8 complete



Il-Misraħ il-Kkir,
Quddiem il-Bażilka
Mibnija fuq il-Għar
Fejn twieled
Sidna Ġesù Kristu
F'Betlehem.

Is-Seba' Sena | JANNAR - MARZU, 1961 | Għadd 1

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes."*

LEĦEN

# L-ART IMQADDSA

**QARI**
**LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR**
**MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU**
**F'MALTA**

Mitbugħ għand "Giov. Muscat & Co. Ltd." Valletta.

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAĦRUĠ MILL-KUMMISSARJAT

TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA





Is-Seba' Sena | JANNAR - MARZU, 1961 | Għadd 1


## X'FIH DAN IL-GĦADD


L-Akbar Tusija (Id-Direzzjoni) ... ... ... ... ... ... ... ... 1

Il-Profeti: Min Kienu ... ... ... ... ... ... ... ... ... 2

Il-Lahham tal-Qajsarija ... ... ... ... ... ... ... ... ... 3

Il-Kodici Ewlenin tal-Kotba Mqaddsa (P. Gwido Schembri O.F.M.) ... ... 4

Tliet Milidijiet Kull Sena f'Betlehem! (Mudir il-Maġella) ... ... ... ... ... 7

Ix-Xalata ta' Hebron ... ... ... ... ... ... ... ... ... 8

Ġużeppi Flavju u l-"Innoċenti" (Elsie) ... ... ... ... ... ... ... 12

L-Istorja ta' San Pawl ... ... ... ... ... ... ... ... ... 17

Il-Grotta ta' San Pawl tar-Rabat ... ... ... ... ... ... ... ... 23

Il-Għar ta' Sant'Elija ... ... ... ... ... ... ... ... ... 30

Aħbarijiet ta' l-Art Imqaddsa ... ... ... ... ... ... ... 31

Requiescant In Pace ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 32



*Direzzjoni*: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
*Amministrazzjoni*: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, il-Belt.

# L-AKBAR TUSIJA

*Kemm hu sabih il-ħsieb! Il-ħsieb huwa ħaġa ta' dejjem u ta' kull imkien Ħaġa li għal kemm ma tinħassx, hija ħajja. Il-ħsieb huwa dawl, ħiereġ safi minn għand Alla, li jġiegħlek tara dak li qatt ma kont tobsor bih. Il-ħsieb istħajlu nar, li jaħraq u jdewweb kollox, minn barra ħaġa waħda: is-Sewwa!*

*Tħobb drabi toqgħod taħseb? Tħobb toqgħod, hekk għal heda, fuq xi bejt, ġewwa xi ġnien, jew ħada l-baħar, tħares fil-baħħ u taħseb? U ġie li qagħadt taħseb fuq il-bniedem? Jekk tagħmel dan, trid u ma tridx, ikollok temmen li l-bniedem m'hux sid tiegħu n-nifsu. Għax nitwieldu bla ma rridu; nitrabbew taħt amar l-oħrajn; meta nikbru, rridu naħdmu għal ħtiġijietna. Għadu tagħna jkun qisu kull ħadd, għax min irid jeqridna u min irid jisbina, u jkollna, minkejja fina nitqabdu biex neħelsu mid-deni. Ħajjitna, dejjem biża' u taħbit, li rridu neħilsu mninu u le ma nistgħu. Jidher mela, li fuqna hemm Sid, li tiegħu dan huwa l-qada.*

*Hawn tiġi l-mistoqsija: għandna xi ħaġa tagħna? Iwa; għandna r-raj, jew il-volontà. U dan ir-raj ukoll, Sidna jridu għalih, għax talabulna, għad li ma ħadulniex b'saħħa. Għalhekk tagħna t-Tusija l-Kbira: "Isma' ja bniedem, il-Mulej Alla tiegħek huwa Alla wieħed. U għandek tħobbu b'qalbek kollha, b'ruħek kollha u b'dehnek kollu. U tgħożż lil għajrek bħalek in-nifsek". (Dewt. VI, 4-5; Lev. XIX 18: Matt. XXII, 36-40).*

*Imma lill-Alla kif tista' turih li tħobbu? Dak ma taraħx bil-ġugħ u titimgħu; ma taraħx bil-għatx u tisqih, jew għorwien u tlibbsu. Jew b'xi ħtieġa u taqdih fiha. Għalhekk ma tistax tħares l-Ewwel Tusija jekk qabel tħares it-Tieni: "Għożż lill-għajrek bħalek in-nifsek."*

*Issa oqgħod aħseb ftit, fuqek in-nifsek u fuq li tara minn ta' ma' dwarek. Kemm huma ftit dawk in-nies fostna li jħarsu dit-tusija t'Alla! Kemm hawn ftit nies li jħiru u jieħdu ħsieb u jgħinu lill-għajrhom meta jarawhom f'xi ħtieġa! Kemm hawn nies, li jriduha ta' tajbin, imma li ma jaħsbux għajr fil-ġid tagħhom infushom! Kemm hawn li fil-għama ta' kobrithom jidhrilhom li huma xi ħaġa kbira, li jistħoqqilhom ġih u qima barranija! U m'hux talli ma jgħożżux lil għajrhom, talli ma għandhom għalihom ħlief tmaqdir u moħqrija. Ma jaħsbux ftit li kull ħadd ħolqien t'Alla xorta waħda, u li l-ġiħ u l-għana fid-dinja ma hux ħlief bluha tal-bnedmin? Ma jaħsbux li kollox huwa t'Alla, għax hu ħalaq kollox, u ma ħalqux għal dak jew għall-ieħor, imma ħalqu għal kull ħadd?*

*X'hena tħoss f'qalbek, meta tagħmel il-ġid lill-oħrajn! X'mistrieħ ir-ruħ meta taħseb li għent lil min ma satax jgħin lilu n-nifsu! Tħoss lil ruħek donnha tkellmek, u tgħidlek: "Il-għafja għalik! Il-lum għamilt xi ħaġa sħiħa; xi ħaġa tal-għemil u m'hux tal-kliem!"*

*U sidna jilqagħna u jgħidilna dak il-kliem ta' sliema: "La kontu eminîn f'idejna, nersqu b'wiċċna minn quddiem, bħal qaddej emîn tal-Evaġnelju. U sidna jilqagħna u jgħidilna dak il-kliem ta' Sliema: "La kontu eminîn fil-ftit, fuq il-wisq nagħtikom setgħa. Idħlu fil-ferħ ta' sidkom!"*

*ID-DIREZZJONI*